**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 7/2023 DC**

***Joseph Spiteri (K.I. numru 0331053M)***
***Philip Spiteri (K.I. numru 0412355M)***
***Rita Gafa' (K.I. numru 0522666M)***
***Anthony Spiteri (K.I numru 0489257M)***
***George Spiteri (K.I. numru 0422056M)***
***f'ismu proprju u għan-nom ta ħutu assenti***
***Emanuel Spiteri residenti l-Awstralja***
***(liċenzja tas-sewqan numru 042689438) u***
***Catherine Aquilina residenti l-Awstralja***
***(Passport Malti numru 1137610)***

***vs***

***Eugenia Galea (K.I. numru 0145759M)***

**Illum, 14 ta' Ottubru, 2024**

**Il- Qorti,**

Rat **ir-rikors tal-atturi** ai termini tal-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ppreżentat fis-6 ta' Jannar 2023 permezz ta' liema ppremettew:-

1. *Illi r-rikorrenti flimkien mal-intimata huma komproprjetarji ta';*

a. *Dar bin-numru mija u sebgħa u erbgħin (147), fi Triq Santu Rokku, Birkirkara bl-arja relattiva tagħha usque ad coelum, kif parzjalment sovraposta għal propjeta ta' terzi, u*

b. *Terran bin-numru mija u tmienja u erbgħin (148) fi Triq Santu Rokku, Birkirkara sottopost għal propjeta ta' terzi, pero' l-bitħa/ gnien retorposti jinkludu l-arja relattiva taghha usque ad coelum.*

*liema djar huma t-tnejn liberi u franki bid-drittijiet u il-ġiustijiet u l-pertinenzi tagħhom kollha u bil-pussess vakanti, hekk kif deskritti ahjar fl-iskrittura ossia l-konvenju tas-7 ta' Dicembru 2022, u fil-pjanta annessa miegħu, annessi u mmarkati bħala 'Dokument A'.*

2. *Illi l-kontendenti huma aħwa u għandhom ottava parti (1/8) indiviża kull wieħed mill-istess propjeta' hawn fuq deskritta kif jirriżulta mill-prospett hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument B'.*

3. *Illi r-rikorrenti għandhom sebgħa minn tmien parti indivizi mill-istess propjeta jigifieri aktar minn nofs mitlub mil-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi din il-propjeta' ilha tinżamm in komproprjeta għal aktar minn tlett snin, provenjenti lilhom mill-eredita' tal-mejta ġenituri taghhom Anthony u Concetta konjuġi Spiteri.*

5. *Illi r-rikorrenti ma jridux jibqgħu aktar komproprjetarji in komun mal-intimata li mhijiex qiegħda tikkoopera biex esegwit il-konvenju tal-bejgħ tal-propjeta fuq imsemmija.*

6. *Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li sabu l-bejgħ ta' din il-propjeta' b'konvenju tas-7 ta' Diċembru 2022, Dokument A, li flimkien obbligaw li jbiegħu u jitrasferixxu l-propjeta' fuq imsemmija ossia 147/ 148 Triq Santu Rokku Birkirkara bil-prezz kif indikat fil-konvenju li huwa prezz ġust u reali ikkunsidrati ċ-ċirkustanzi tal-propjeta' skont żewg rapporti tal-Perit Stephen Pulis hawn annessi u mmarkati Dokumenti C u D.*

7. *Illi in oltre dan il-bejgħ huwa soġġett li r-rikorrenti jiksbu l-permess ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-esekuzzjoni tal-istess konvenju fit-totalita tal-propjeta' in kwistjoni kif maħsuba fl-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

8. *Illi r-rikorrenti qiegħdin jannettu l-prospett, li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom għandu, Dokument B.*

9. *Dan il-bejgħ mhuwiex ta' preġudizzju għal intimata stante li l-prezz tal-bejgħ huwa dak ġust u reali skont is-suq. Għalhekk jeżistu l-elementi kollha mitluba mill-Artikolu 495A tal-Kap 16 biex din il-Qorti tawtorizza il-bejgħ tal-propjeta' sħiħa tal-fondi 147 / 148 Triq Santu Rokkku Birkirkara.*

U wara li hekk ippremettew l-atturi talbu lil din il-Qorti:-

1. *Tordna l-bejgħ tal-propjeta' a) id-dar bin-numru mija u sebgħa u erbgħin (147), fi Triq Santu Rokku, Birkirkara bl-arja relattiva tagħha usque ad coelum, kif parzjalment sovraposta għal propjeta ta' terzi, u b) t-terran bin-numru mija u tmienja u erbgħin (148) fi Triq Santu Rokku, Birkirkara sottopost għal propjeta ta' terzi, pero' l-bitħa/ġnien retorposti jinkludu l-arja relattiva tagħha usque ad coelum – kif deskritti aħjar fl-iskrittura ossia l-konvenju tas-7 ta' Dicembru 2022, u fil-pjanta annessa, u taħt il-kundizzjonijiet u pattijiet hemmhekk miftehma, u/jew taħt il-kundizzjonijiet li jogħġobha timponi dina l-Onorabbli Qorti.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jippubblika kopja tar-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali ta' kuljum.*

3. *Tinnomina lin-Nutar Dottor James Grech, jew Nutar ieħor sabiex jippubblika l-att ta' trasferiment opportun u kwalunkwe att ieħor neċessarju jew accessjoru bħal dikjarazzjoni causa mortis tal-mejta Anthony u Concetta konjugi Spiteri jew l-aventi kawza minnhom jekk ikun il-każ.*

4. *Tistabbilixxi jum, ħin u lok għal publikazzjoni tal-att notarili opportun.*

5. *Taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw eventwali kontumaċja fuq l-att tal-bejgħ u/jew fid-dikjarazzjoni causa mortis.*

6. *Tagħti dawk l-ordnijiet meqjusa neċċessarji u opportuni skond iċ-ċirkustanzi.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimata għas-subizzjoni.*

Rat **ir -risposta  tal-konvenuta** Eugenia Galea ippreżentata fis-7 ta' Frar 2023 permezz  ta' liema eċċepixxiet:-

1. *Illi għar-rigward ta' l-ewwel talba tal-atturi, din qed tiġi kkontestata peress illi jekk din tiġi milqugha kif dedotta, l-konvenuta ser tigi gravament ppregudikata stante li l-istima ex parte tal-Perit Stephen Pulis (Dokument C u D) ma tirriflettix il-prezz reali tal-fondi inkwistjoni tenut kont tal-karatteristici tal-istess fondi u l-potenzjal ta' żvilupp li jgawdu l-propjeta' de quo.*
2. *Il-kumplament tat-talbiet tal-atturi ma humiex jiġu opposti kif lanqas ma huwa qiegħed jiġi oppost il-bejgħ tal-istess fondi basta li l-prezz reali tal-fondi inkwistjoni jigi stabbilit minn espert appuntat mill-Onorabbli Qorti;*
3. *Illi l-konvenuta m'għandhiex tiġi soġġetta għall-ispejjeż ta' din il-kawża stante illi l-azzjoni odjerna mhux attribwibbli għal xi nuqqas da parti tagħha.*
4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi.*

Rat id-degriet ta'l-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti mgħoti fit-13 ta' Jannar 2023 permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta[1].

Rat id-degriet tal-ħatra ta' perit biex jistabilixxi l-valur tal-propjeta in eżami[2].

Rat d-deġriet tagħha tat-13 ta' Mejju 2024 meta ordnat lir-Reġistratur jippreżenta prova tal-publikazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 495A(3) tal-Kap 16[3].

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti permezz ta' liema preżenta kopja tal-publikazzjonijiet imsemmija.

Semgħet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi qed jiprevalixxu ruħhom mill-fakolta lilhom mgħotija ai termini ta'l-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta (il-Kap 16) u qed jitolbu li jiġu awtoriżżati jbiegħu propjeta miżmuma in komun ma' terzi.

[1] A fol 21.
[2] A fol 46.
[3] Fid-dawl ta' dan id-degriet il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tal-atturi.

Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li l-iskop tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 *kien biex jiffaċilita t-trasferiment ta' proprjeta' intera meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li għal raġuni jew oħra ma jridux jew ma jistgħux jersqu għat-trasferiment tal-intier tal-proprjeta' in komun. Dan hu fil-fatt forma ta' trasferiment forzat li għalih il-liġi tpoġġi parametri ċari sabiex ma jsirx abbuż, sfruttament jew fi kliem il-liġi 'preġudizzju gravi' għad-drittijiet tal-minoranza.*[4]

Illi ai termini ta'l-imsemmi artikolu 495A huma ħamsa r-rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti biex tirnexxi l-ażżjoni skond din id-dispożizzjoni:

1. komunjoni tal-ġid bejn il-komproprjetarji kollha li tkun ilha aktar minn tliet snin;
2. in-nuqqas ta' xi azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-ġid miżmum in komun;
3. in-nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprjetarji kollha dwar il-bejgħ tal-ġid miżmum in komun;
4. ir-rieda tal-maġġoranza tal-komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma biex isir il-bejgħ tal-propjeta miżmuma in komun; u
5. il-komproprjetarji li ma jkunux jaqblu mal-bejgħ ma jiġux gravament ippreġudikati jekk isir il-bejgħ tal-ġid miżmum in komun skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jkun jaqblu dwarhom il-maġġoranza tal-komproprjetarji.

Illi din id-dispożizzjoni telenka ukoll x'informazzjoni għandha tingħata u x'dokumenti għandhom jiġu preżentati flimkien mar-rikors promotur; dawn huma:
a) dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ;
b) prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu;
c) il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ; u
d) id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.

Ikkunsidrat

Illi mill-affidavit tal-attur Joseph Spiteri jirriżulta li l-propjetajiet in eżami huma tal-kontendenti, aħwa Spiteri, f'sehemijiet ugwali bejniethom, ċioe ottava parti kull wieħed; għalhekk l-atturi bejniethom għandhom seba' partijiet minn tmienja (7/8) benjiethom u l-konvenuta għandha parti minn tmienja (1/8). Jgħid li huma wirtu dawn il-propjetajiet mingħand il-ġenituri tagħhom u li ilhom fi stat ta' kompropjeta għal aktar minn tlett snin. Ma jgħidx pero meta wirtu lill-genituri tagħhom u ma tressqet l-ebda prova fir-rigward. Jgħid biss li ilhom fi stat ta' kompropjeta għal aktar minn tlett snin. Joseph Spiteri jgħid ukoll li huwa u ħutu l-atturi l-oħra jixtiequ li jbiegħu pero dejjem sabu reżistenza min-naħa ta' ohthom

[4] Ref **Victor Bonavia vs Paul Bonavia** Prim'Awla 24 ta' April 2017.

Eugenia, il-konvenuta. Spiteri jgħid ukoll li huma sabu l-bejgħ tal-propjeta in eżami u anke iffirmaw konvenju max-xerrejja prospettivi.

Illi l-atturi preżentaw prospett tal-ishma ta' kull wieħed mill-partijiet[5]. Preżentaw ukoll kopja tal-konvenju datat 7 ta' Diċembru 2022[6], li kien validu sas-7 ta' Marzu 2024, u kopja ta' skrittura oħra datata 28 ta' Frar 2024 permezz ta' liema varjaw xi kundizzjonijiet fil-konvenju oriġinali u anke estendew il-validita tiegħu. Skont il-konvenju l-prezz miftiehem huwa ta' €65,000 għall-fond bin-numru 147 u ta' €90,000 għall-fond bin-numru 148.

Illi atturi preżentaw ukoll stima ta' perit *ex parte*[7]. Hu stabilixxa l-valur tal-fond bin-numru 148 bħala €101,000 u l-valur tal-fond bin-numru 147 bħala €49,000. Għalhekk il-preżż miftiehem fil-konvenju għall-fond 148 huwa anqas mill-valur stabbilit mill-perit, pero l-prezz miftiehem għall-fond 147 huwa aktar mill-valur stabbilit mill-perit. Dan wassal biex it-total tal-prezz miftiehem għaż-żewġ fondi flimkien jeċċedi l-valur stabbilit mill-perit *ex parte* b'€5,000.

Illi minbarra informazzjoni u provi dwar id-data u ċirkostanzi meta il-propjeta ġiet in komun[8], li kif intqal ma ngħatatx lill-Qorti, l-atturi naqsu ukoll li jippreżentaw id-dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ. Fir-rigward tal-aħħar dokument imsemmi l-Qorti ser taċċetta l-konvenju iffirmat mill-atturi bħala dikjarazzjoni li huma jaqblu li l-propjeta għandha tinbiegħ.

Illi f'dan l-istadju għandu jingħad li l-konvenuta mhux qed tikkontesta l-fatt li hi u ħutha l-atturi huma kompropjetarji tal-propjetajiet in eżami fi kwoti indikati mill-atturi; lanqas tikkontesta l-fatt li ilhom kompropjetarji għal aktar minn tlett snin. Jingħad ukoll li l-konvenuta mhux qed topponi l-bejgħ imma tikkontendi li l-bejgħ kif propost ser jirrekalha preġudizzju u dan minħabba li l-prezz propost ma jirriflettiex il-valur reali[9]. Hija fil-fatt tgħid li l-propjeta għandha tinbiegħ bil-prezz stabbilit mill-perit tal-qorti u li sehemha jkun ottava parti minn din l-istima.

Illi kif intqal fil-kors tal-proċeduri ġie nominat perit. Skond il-valutazzjoni tiegħu il-fond bin-numru 147 huwa stmat €90,000, u l-fond bin-numru 148 huwa stmat €135,000. Minn din l-istima jidher li hemm diskrepanza ta' €70,000[10] bejn il-valur mgħoti mill-perit ġudizzjarju u l-prezz miftiehem fil-konvenju. Għalhekk id-differenza għal kull wieħed mill-kompropjetarji hija ta' €8,750.

Ikkunsidrat

[5] A fol 10.
[6] A fol 4.
[7] Dok C a fol 11 u Dok D a fol 14.
[8] Informazzjoni rikjesta fl-artikolu 495A(2) tal-Kap 16.
[9] Dan jirriżulta sia mir-risposta tagħha għar-rikors promotur u anke mix-xhjieda tagħha (a fol 75)
[10] Skond l-istima tal-perit ġudizzjarju l-valur totali huwa €90,000 + €135,000 = **€225,000**; il-prezz miftiehem fil-konvenju huwa €65,000 + €90,000 = **€155,000**; €225,000 - €155,000 = **€70,000.**

Illi huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li differenza fil-prezz miftiehem u l-valur stmat tal-propjeta li tagħha jkun qed jintalab il-bejgħ mhux l-uniku fattur li għandu jittieħed in konsiderazzjoni fid-deċiżjoni għandux jiġi awtoriżżat l-bejgħ jew le u dan għaliex l-għan ta' dawn il-proċeduri mhux li jiġi stabillit il-valur tal-propjeta imma li jiġi assiġurat li ħadd mill-kompropjetarji ma jiġi preġudikat:

> *... ... biex Qorti tiddeċiedi jekk tilqax jew le talba għall-bejgħ ma huwiex biżżejjed li l-parti intimata tressaq stejjem li juru differenza fil-valur tal-proprjeta' fejn id-differenza fil-valur bejn il-prezz miftiehem u l-valur fl-istima tkun relattivament żgħira. Kif ingħad, l-iskop tal-artikolu 495A mhuwiex biex jiġi assigurat bi preċiżjoni l-valur tal-proprjeta' fis-suq, imma li tara li l-bejgħ isir bi prezz xieraq li ma jġib ħsara lill-ebda proprjetarju;*[11]

Illi aktar minn hekk huwa stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza li biex jopponu l-bejgħ b'suċċess il-kompropjetarji dissidenti jridu juri mhux biss preġudizzju imma preġudizzju gravi:

> *Meta l-ligi fl-artikolu msemmi issemmi l-kelma pregudizzju tinftiehem li dan irid ikun gravi – b'tali mod li l-bejgh eventwali tal-proprjeta` in kwistjoni jkun biex wiehed juza terminu bl-ingliz "manifestly u fair ghad-dissident.*[12]

Illi f'dik l-istess sentenza ngħad ukoll li:

> *biex tiddeciedi li ma taderixxix ghat-talba ghall-bejgh mhux bizzejjed li l-konvenut jesebixxi stimi li juri differenza fil-valur tal-proprjeta` li finalment jekk tinqasam bejn il-koproprjetarji tkun relattivament zghira. L-iskop tal-Artikolu 495A mhuwiex biex jigi assigurat bi precizjoni l-valur tal-proprjeta` fis-suq – xi haga finalment soggettiva sia pure bil-beneficcju tal-perizja teknika – izda li tassikura bejgh bi prezz gust (li jkun assikurat ghaliex miftiehem fil-konvenju) li ma jilledi lill-ebda propjetarju.*

Illi kif intqal, fil-każ in eżami d-differenza bejn il-prezz miftiehem u l-istima tal-perit ġudizjarju għaż-żewġ fondi meħudin flimkien hija ta' €70,000 għalhekk €8,750 għal kull wieħed mis-sidien. Fil-fehma tal-Qorti din żgur li mhiex diskrepanza negliġibbli anzi hija diskrepanza li tista' toħloq dak il-preġudizzju gravi imsemmi fil-liġi.

[11] Ref **Helen Zammit et vs Madeleine Muscat** Appell Superjuri 5 ta' Ottubru 2018.
[12] Ref **Nutar Richard Vella Laurenti et vs John Vella Laurenti et**: Appell Superjuri 27 ta' Jannar 2017.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta pero li, skond ftehiem sussegwenti milħuq fil-mori ta' dawn il-proċeduri, x-xerrejja prospettivi obbligaw ruħhom li, oltre l-prezz miftiehem fil-konvenju oriġinali, jħallsu lill-konvenuta somma addizjonali li ma teċċediex €15,000[13]. Għalkemm mhux indikat kif ser tiġi stabbilita bi preċizjoni din is-somma addizzjonali wieħed jista' jippreżumi li hija intieża biex tagħmel tajjeb għad-differenza fil-prezz li kieku kienet tirċievi l-konvenuta jekk il-propjeta tinbiegħ bi prezz li jirrifletti l-istima tal-perit ġudizzjarju. Aktar minn hekk waqt l-udjenza miżmuma fit-8 ta' April 2024 ġie dikjarat li l-atturi huma "*lesti li jħallsu s-sehem aktar tal-intimata skont ir-rapport tal-Perit Alexei Pace*".

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, ladarba l-konvenuta mhux opposta għall-bejgħ imma biss għall-prezz stabbilit fil-konvenju oriġinali, u ladarba hija qalet li dak li trid huwa sehemha mill-valur li jistabbilixxi l-perit ġudizjarju, il-Qorti hija tal-fehma li l-bejgħ għandu jiġi approvat purche sehem il-konvenuta jiġi kalkolat fuq ottava parti tal-istima tal-perit ġudizzjarju.[14]

Illi in konkluzjoni dwar il-mertu l-Qorti ser tirreferi għal dik il-parti tat-tielet talba tal-atturi fejn talbu li n-nutar jiġi nominat biex jippublika atti oħra minbarra l-bejgħ fuq imsemmi. B'mod partikolari huma jsemmu d-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-mejjtin ġenituri tagħhom Anthony u Concetta Spiteri u l-aventi kawża tagħhom jekk ikun il-każ. Dwar din it-talba l-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li la fil-premessi tar-rikors promotur u lanqas fil-kors tal-proċeduri ma xi sar aċċenn kwalunkwe għad-dikjarazzjoni causa mortis imsemmija u għalhekk il-Qorti żgur li ma tistax tippronunzja ruħha dwarha. Aktar minn hekk din il-kawża hija proċedura speċjali skont l-artikolu 495A tal-Kap 16 u hija limitata għall-awtoriżżazzjoni ta' bejgħ ta' propjeta miżmuma in kompropjeta, u huwa dak biss li tista tawtorizza l-Qorti. Konsegwentement dik il-parti tat-tielet talba ser tiġi miċħuda.

Illi dwar l-ispejjeż għandu jiġi rilevat li l-bejgħ qed jiġi awtoriżżat minkejja li l-prezz miftiehem fil-konvenju kien jikrea preġudizzju lill-konvenuta, imma għaliex l-atturi għamlu arrangamenti biex il-konvenuta titħallas ammont li jirrapreżenta l-valur reali tal-propjeta. Dawn l-arrangamenti pero saru fil-mori tal-proċeduri odjerni. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati interament mill-atturi.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tal-atturi, taqta' u tiddeciedi billi:

---

[13] Klawsola numru 2 fl-iskrittura tat-28 ta' Frar 2024 (Dok JSK a fol 84).

[14] Raġunament simili għal dan, f'ċirkostanzi simili għalkemm, mhux identiċi, waslet għalih din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża **William Grech et vs Dr Charmaine Cherrett et noe** (deċiża fit-30 ta' Marzu 2021): *Il-Qorti pero' qieset dak dikjarat mill-avukat tal-atturi waqt l-udjenza tat-12 ta' Jannar 2021 fejn iddikajra illi l-atturi qed jikkonsidraw illi fil-bejgħ eventwali s-sehem spettanti lill-eredi mhux magħrufa ta' Antonia Gatt jiġi jkun skond il-valur indikat fir-rapport peritali. Il-Qorti għalhekk sejra tawtorizza l-bejgħ bil-kondizzjoni illi sehem il konvenuti jiġi kkalkolat skond ir-rapport peritali u mhux skond dak indikat fil-konvenju.*

- Tilqa l-ewwel talba fis-sens li qed tawtorizza li jsir il-bejgħ tal-propjeta in eżami skond il-kundizzjonijiet kollha elenkati fil-konvenju datat 7 ta' Diċembru 2022 kif emendat bl-iskrittura tat-28 ta' Frar 2024 b'dan li sehem il-konvenuta mir-rikavat għandu jiġi kalkolat skont l-istima tal-perit ġudizjarju Alexei Pace;
- Tilqa' t-tielet talba limitatament u taħtar lin-Nutar Dottor James Grech biex jippubblika l-att tal-bejgħ bi twettieq tal-konvenju fuq imsemmi;
- Tilqa r-raba' talba u tordna li l-bejgħ isir fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza f'ġurnata ħin u lok post indikat min-Nutar Dottor James Grech;
- Tilqa il-ħames talba u taħtar lill-Avukat Dr. Josette Grech biex tidher għall-eventwali kontumaċi fuq l-att.
- Tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mill-atturi.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**